MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1105/2002/1

**Amanda Briffa**

**vs**

**Antonia Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00) rapprezentanti hsarat imgarrba mill-attrici in segwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh nhar it-22 ta' Ottubru 2001 fi Triq Karm Sammut, B'Kara wara li Antonia Muscat kienet qed issuq il-vettura CAD 371 tat-tip Suzuki u habtet gol-vettura tal-attrici Peugeot KAT 983, u dana kollu minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Antonia Muscat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 23 ta' Jannar 2002, 11 ta' Frar 2002 u bl-imghax legali li jibda jiddekorri

mid-data tan-notifika tal-istess kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Preliminarjament illi mhux minnu illi kienet l-attrici li kienet qed issuq il-vettura numru tar-registrazzjoni CAD 371 fid-data tal-incident izda kien huha minorenni li ma kellux licenzja.

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontriha stante illi ghall-incidnet in kwistjoni l-eccippjenti ma kellha ebda tort.

3. Illi gja’ giet intavolata kawza fl-ismijiet ‘Antonia Muscat vs Pawlu Briffa et’ (Avviz Numru 988/02 AJD) fuq l-sitess incident u din il-kawza ghandha ghalhekk timxi mal-ewwel wahda.

Ra d-digriet ta’ dan it-Trtibunal kif diversament presjedut fejn giet milqugha t-talba tal-konvenuta li din il-kawza tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet ‘Antonia Muscat vs Pawlu Briffa et’ (Avviz Numru 988/02).

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Settembru 2002 fejn il-partijiet qablu li l-provi migbura fil-kawza msemmija fil-paragrafu precedenti ghandhom japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna.

Sema’ x-xhhieda ta’ Antonia Muscat, Theresa Muscat, PS 1043 Francis Pace, ta’ Amanda Briffa, ta’ Cedric Briffa u ta’ Aron Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenuta.

Ikkunsidra:

Kif diga’ intqal aktar il-fuq din il-kawza kienet qed tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet ‘Antonia Muscat vs Pawlu Briffa et’ (Avviz Numru 988/02) li wkoll

qed tigi deciza illum u dan stante li l-mertu taz-zewg kawzi jirrgwardaw danni sofferti fl-istess incident awtomobilistiku. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-motivazzjonijiet u konsiderazzjonijiet kontenuti fis-sentenza moghtija fl-imsemmija kawza u qed jigi dikjarat li dawk il-konsiderazzjonijiet jiffurmaw ukoll parti integrali minn din is-sentenza f'liema sentenza gie deciz li r-responsabilita' ghall-incident stradali li sehh fit-22 ta' Ottubru 2001 kellha tigi akkollata in kwantu ghall-nofs (1/2) lil Cedric Briffa, is-sewwieq tal-vettura propjeta' tal-attrici fil-kawza odjerna, u nofs (1/2) lil Antonia Muscat, u cioe' il-konvenuta f'din il-kawza.

L-attrici esebiet Survey Report in kwantu jirrigwarda d-danni minnha sofferti u din il-prova bl-ebda mod ma giet kontestata mill-kontroparti. In vista tal-fatt li r-responsabilita' ghall-incident de quo giet appoprzjonata bil-mod imsemmi il-konvenuta Antonia Muscat ghandha taghmel tajjeb ghal nofs (1/2) id-danni sofferti mill-attrici u cioe' is-somma ta' disghin lira Maltin (Lm90.00).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fl-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici dan l-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90.00) bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom ukoll jinqasmu bl-istess mod kif giet apporzjonata r-esponsabilita' ghall-incident u cioe' bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------